# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Jannar, 2016**

**Talba Nru: 34/2014/VG**

**M & L Refalo Limited (C-16290)**

**vs**

**Francois u Charlene Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elf u sitt mitt euro [€1,600] oltre l-interessi relattivi b'effett mit-13 ta' Gunju, 2012 u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Ghid inti konvenut ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundannak thallas l-ammont totali ta' elf u sitt mitt euro (€1,600) oltre l-interessi relattivi b'effett mit-13 ta' Gunju 2014 rapprezentanti l-bilanc ta' valur ta' xoghol ta' aluminium imwettaq minnha fuq struzzjonijiet u a beneficcju taghkom.

> Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali Art 166A ta' Frar 2014, ittra numru 2620/12 u dik interpellatorja tad-29 ta' Jannar, 2014".

**Ra r-risposta tal-intimati minnhomipprezentata fid-19 ta' Novembru, 2014** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1) Illi qabel tissokta din il-kawza, il-kumpanija attrici trid thallas l-ispejjez kollha tal-kawza fl-istess ismijiet numru 10/2014 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri u li giet ceduta minnha.
>
> 2) Illi bla pregudizzju ghal premess, l-ammont reklamat mhux dovut u l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lil kumpanija attrici u kull debitu li kellu maghha illum jinsab saldat u dan skond il-prezzijiet mifthema fi stima li qablu fuqha l-partijiet qabel ma nbdew ix-xogholijiet.
>
> 3) Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri"

Ra l-verbal tal-lum fejn "*il-partijiet jaqblu li l-intimat ghandu jhallas l-ammont indikat fl-avviz u cjoe elf u sitt mitt (1600) Euro f'rati mensili ta' mhux anqas minn mitt (100) Euro fix-xahar b'dan illi l-kapital u imghaxijiet ghandhom jigu saldati sa mhux aktar tard minn sena mil-lum bl-imghaxijiet kalkolabbli bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mid-data tal-lum a skaletta*";

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta’ elf u sitt mitt euro [€1,600] rapprezentanti l-bilanc ta’ valur ta’ xoghol ta’ aluminium imwettaq minnha fuq struzzjonijiet u a beneficcju taghhom. L-intimati wiegbu ghal dawn it-talbiet billi qalu li qabel tissokta din il-kawza, is-socjeta rikorrenti trid thallas l-ispejjez kollha tal-kawza fl-istess ismijiet numru 10/2014 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri u li giet ceduta minnha. Ziedet tghid li bla pregudizzju ghal premess, l-ammont reklamat mhux dovut u huma ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta rikorrenti u kull debitu li kellhom maghha illum jinsab saldat u dan skond il-prezzijiet mifthema fi stima li qablu fuqha l-partijiet qabel ma nbdew ix-xogholijiet. Finalment qalet li d-domandi tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ikkunsidra;

2. In vista tal-verbal tal-lum stess, il-partijiet qablu li “*li l-intimat ghandu jhallas l-ammont indikat fl-avviz u cjoe elf u sitt mitt (1600) Euro f’rati mensili ta’ mhux anqas minn mitt (100) Euro fix-xahar b’dan illi l-kapital u imghaxijiet ghandhom jigu saldati sa mhux aktar tard minn sena mil-lum bl-imghaxijiet kalkolabbli bir-rata ta’ hamsa fil-mija (5%) b’effett mid-data tal-lum a scaletta*”.

3. Ghalhekk in vista ta’ din id-dikjarazzjoni, t-Tribunal ma huwiex sejjer jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet imqanqla mill-intimati.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni tal-intimati t-Tribunal ma ghandux triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ elf u sitt mitt euro (€1,600) huwa dovut. In vista tal-fatt li l-partijiet qablu dwar il-modalita tal-hlas u l-imghaxijiet applikabbli, t-Tribunal sejjer jghaddi ghas-sentenza.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati in vista ta' l-ammissjoni taghhom tal-lum, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-istess socjeta rikorrenti s-somma ta' elf u sitt mitt euro (€1,600) b'dan illi dan l-ammont ta' €1,600 ghandu jithallas f'rati mensili ta' mhux anqas minn mitt Euro (€100) fix-xahar. Il-kapital u l-imghaxijiet ghandhom jigu saldati sa mhux aktar tard minn sena mil-lum bl-imghaxijiet kalkolabbli bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) b'effett mid-data tal-lum a scaletta.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali maghmula a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Daniel Sacco**
**Deputat Registratur**